MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru. 1223/2010

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Daryl Mark Pace, iben Silvio, imwieled Pieta' fid-29 ta' Awwissu, 1992, Karta ta' l-Identita numru 440092(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, u ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Ħamrun, fis-6 ta' Novembru, 2010, għal ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' fil-għaxija mingħajr il-ħsieb li jioqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' xi arma regolari jew irregolari, strument jew għodda oħra, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Jeanfred Vella, jew ġabilha disordni f'moħħa, liema ħsara tista' tikkaġuna debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti

f'parti tal-għamla tal-ġisem jew inkella marda permanenti tal-moħħ, jew jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, ta fastidju lil Liza Pace u lil Jeanfred Vella b'mod li kien jaf li dan kien ta' fastidju għalihom;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' Liza pace u ta' Jeanfred Vella weġġagħhom bi kliem, b'ġesti, kitba, b'disinni jew b'xi mod ieħor;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor indaħal fid-dmirijiet tagħhom;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiprovdi għas-sigurta ta' Liza Pace u Jeanfred Vella u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1)(b), 218(1)(b), 251A(1)(a)(b), 252 u 338(m)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' ġaranzija għal sena fuq obbligazzjoni ta' elfejn euro (€2,000) li ma jkellimx jew jimmolesta lil Jeanfred Vella.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------